MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 78/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**
**Farrugia Rodianne**
**ID 16287M**

**It-Tribunal** ,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Frar, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghanda taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija tnejn u ghoxrin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,122.56) in konnessjoni ma' Laptop Connect (*AC50983758*) u jinkludi *Lenovo S10 u internet key Bandluxe C270*, u dan skont kuntratt tal-20 t'Ottubr, 2009.

Illi s-somma ta' elf mija tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,122.56) fuq indikata hija komposta minn seba' mija hamsa u erbghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€745.56) dovuti in konnesjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness flimkien ma tlett mija sebgha u sebghin ewro (€377) dovuti bhala penali skont Dokument B anness.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenuta 'ngunta in subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2920/12 u bl-imghaxijiet mis-7 ta' Dicembru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Wara li l-konvenut giet debitament notifikata fil-15 ta' Marzu, 2013 hija pprezentat nota fid-9 ta' Mejju, 2013 fejn ammettiet it-talba u tablet sabiex tigi awtorizzata thallas is-somma f'rati mensili ta' erbghin ewro (€40).

It-Tribunal ra illi t-talbiet attrici gew ippruvati u ghalhekk tilqa' it-talbiet attrici u tikkundana l-konvenuta thallas is-somma ta' elf mija tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,122.56) minghajr imghax ulterjuri lis-socjeta' attrici f'rati mensili ta' erbghin ewro (€40) b'dan pero' illi kemm il-darba tonqos li thallas zewg pagamenti konseguttivi s-socjeta' attrici tkun tista' titlob lura l-ammont shih..

Il-kawza tibqa' bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------